# Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili
# Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.

Seduta ta' nhar il-Erbgha 4 ta' April 2001

Citazzjoni numru 174/99 AJM

Kawza numru

Cutalex Tourist Company Limited

Vs

Wathen Pamela Rose pro et

Il-Qorti,

Rat it-talba ta' l-attur redatta fl-udjenza tat-13 ta' Frar 2001 meta talab li jipproduci bhala xhud lill Alfred Mifsud sabiex jikonferma r-rapport ex parte ipprezentat dak inhar stess.

Rat l-opposizzjoni tal-konvenut billi dan ix-xhud ma kienx indikat fil-lista tax-xiehda u l-htiega tieghu ma qamitx matul il-kawza.

Ikkunsidrat:-

Fl-udjenza tat-13 ta' Frar 2001 l-attur ipprezenta rapport datat 16 ta' Jannar 2001 redatt minn Alfred Mifsud rigwardanti l-mertu ta' din il-kawza.

Illi dan ix-xhud ma gie indikat fil-lista tax-xiehda ta' l-attur u jidher li r-rapport redatt minnu sar zmien wara li gew ppresentati l-proceduri odjerni.

Illi l-artikolu 563A tal-Kap 12 jippermetti xhieda ta' esperti izda dawn ghandhom jissejhu bhala xhieda sabiex jaghtu l-opinjoni taghhom dwar il-mertu tal-kaz bla pregudizzju ghad-drittijiet tal-Qorti kontemplati fl-artikoli 681 u 646 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-artikolu 156(4) tal-Kap 12 jipprovdi li l-ismijiet tax-xiehda ghandhom jigu indikati mal-att promotur,filwaqt li s-subinciz (7) ta' l-istess artikolu jipprovdi li l-qorti ma ghandha thalli lil ebda xhud jingieb sakemm dan ma jkollux ismu mnizzel flimkien mac-citazzjoni. Din ir-regola ma tapplikax meta l-htiega ta' dan ix-xhud tinqala wara li tkun giet presentata c-citazzjoni jew meta jinghata l-kunsens tal-parti l-ohra. U f'kull kaz tali xhud mhux dikjarat jista' jigi ammess kemm 'l darba l-qorti jidhrilha li jkun fl-interess tal-gustizzja li tisma' lil xhud partikolari.

Illi x-xhud Mifsud ma inhassitx ix-xhieda tieghu wara l-istituzzjoni tal-proceduri u lanqas ma hu accettat mill-kontro parti. Inoltre jigi rilevat li l-ezercizzju maghmul mill-istess Mifsud jista' jsir minn espert mahtur mill-Qorti a termini ta' l-artikolu 644 tal-Kap 12.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti tichad it-talba attrici u fl-istess hin tordna li sfilz tad-dokument AM1 ezebit mill-attur fit-13 ta' Frar 2001.